Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15027/23

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0380(COD)

CODEC 2051
EF 339
ECOFIN 1129
PE 137

**NOTA TA' INFORMAZZJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda ċerti Regolamenti fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-punt ta' aċċess uniku Ewropew<br>- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew<br>(Brussell, mit-8 sad-9 ta' Novembru 2023) |

## I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u tad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni[1], saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) Irene TINAGLI (S&D, IT) ippreżentat f'isem ECON emenda ta' kompromess (l-emenda numru 1) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, li għaliha Pedro SILVA PEREIRA (S&D, PT) kien ħejja abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

[1] OJ C 145, 30.6.2007, p. 5.

## II. VOT

Meta vvotat fid-9 ta' Novembru 2023, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 1) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif stabbilita fl-Anness għal dan id-dokument[2].

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

---

[2] Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'***tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu " ▌ " jindika test imħassar.

**ANNESS**
**(9.11.2023)**

## P9_TA(2023)0386

## Emenda ta’ ċerti Regolamenti fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-punt ta’ aċċess uniku Ewropew (ESAP)

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Novembru 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ċerti Regolamenti fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-punt ta' aċċess uniku Ewropew (COM(2021)0725 – C9-0436/2021 – 2021/0380(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2021)0725),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0436/2021),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2022[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta' Marzu 2022[2],

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-28 ta’ Ġunju 2023, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 57 u 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0024/2023),

---

1 ĠU L 307, 12.8.2022, p. 4.
2 ĠU L 290, 29.7.2022, p. 58.

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**P9_TC1-COD(2021)0380**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tad-9 ta' Novembru 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ċerti Regolamenti fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-punt ta’ aċċess uniku Ewropew**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[2],

[1] *ĠU C 290, 29.7.2022, p. 58.*
[2] *Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta’ Novembru 2023.*

Billi:

(1) ***L-aċċess*** faċli ***u strutturat*** għad-data***, inkluż għall-informazzjoni pprovduta fuq bażi volontarja, huwa importanti biex*** dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ekonomija u fis-soċjetà ***biex*** jieħdu deċiżjonijiet sodi li jservu l-funzjonament effiċjenti tas-suq. ***Tali aċċess huwa meħtieġ ukoll sabiex jiżdiedu l-opportunitajiet għat-tkabbir u l-viżibbiltà tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-innovazzjoni min-naħa tagħhom.*** L-introduzzjoni ta' spazji komuni Ewropej tad-data f'setturi kruċjali, inkluż is-settur finanzjarju, isservi ▌ l-għan ***li jiġi pprovdut aċċess faċli għal sorsi affidabbli ta' informazzjoni f'dawk is-setturi***. ***Is-settur finanzjarju fih innifsu huwa mistenni li jgħaddi*** minn trasformazzjoni diġitali fis-snin li ġejjin u ▌ jenħtieġ li l-Unjoni ***tappoġġja dik it-trasformazzjoni***, b'mod partikolari billi tippromwovi finanzi xprunati mid-data. Barra minn hekk, it-tqegħid tal-finanzi sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja huwa mezz ewlieni ***biex*** tinkiseb ***it-tranżizzjoni*** ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni. Sabiex ***dik*** it-tranżizzjoni ekoloġika tirnexxi ▌, huwa essenzjali li l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà ***u l-governanza soċjali*** tan-negozji tkun faċilment aċċessibbli għall-investituri, ***biex*** ikunu informati aħjar meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investimenti. Għal dawk il-finijiet, ***jeħtieġ li jittejjeb*** l-aċċess pubbliku għal informazzjoni finanzjarja***,*** mhux finanzjarja ***u dik relatata mal-ambjent, mas-soċjetà u mal-governanza*** dwar persuni fiżiċi jew ġuridiċi ***("entitajiet")*** li ***huma stess huma meħtieġa li jippubblikaw tali informazzjoni,*** jew ***li jiżvelaw pubblikament tali informazzjoni*** lil korp ta' ġbir fuq bażi volontarja ▌. Mezz effiċjenti ***kif*** dan isir fil-livell tal-Unjoni huwa li tiġi stabbilita pjattaforma ċentralizzata ▌ li tagħti aċċess elettroniku għall-informazzjoni rilevanti kollha.

(2) ***Fil-kommunikazzjoni tagħha tal-24 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji – pjan ta' azzjoni ġdid"***, il-Kummissjoni pproponiet li ttejjeb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja tal-entitajiet billi tibni punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP). ***Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Strateġija għall-finanzi diġitali għall-UE"*** stabbiliet ***f'termini*** ġenerali ▌ kif ***l-Unjoni tista' tippromwovi*** t-trasformazzjoni diġitali tal-finanzi fis-snin li ġejjin, ▌ b'mod partikolari ***kif*** tippromwovi finanzi xprunati mid-data. ***Sussegwentement, fil-kommunikazzjoni tas-6 ta' Lulju 2021 bit-titolu "Strateġija*** għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli***"***, il-Kummissjoni poġġiet il-finanzi sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja, bħala mezz ewlieni ***biex*** tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija ***tal-Unjoni***, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew ***stabbilit fil-kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019***.

(3) ***L-ESAP huwa stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[3+] ***sabiex*** jipprovdi lill-pubbliku aċċess ċentralizzat faċli għall-informazzjoni fir-rigward ta' entitajiet u l-prodotti tagħhom ***li tkun ta' rilevanza għas-servizzi*** finanzjarji, ***għas-swieq*** kapitali u ***għas-sostenibbiltà,*** li ***l-awtoritajiet u*** l-entitajiet ▌ huma meħtieġa jippubblikaw ***skont l-atti leġiżlattivi tal-Unjoni f'dawk l-oqsma***. ***Tali pubblikazzjoni jenħtieġ li titwettaq f'konformità mal-prinċipju li l-informazzjoni tiġi ppreżentata darba biss u mingħajr ma jiżdied l-ebda rekwiżit ta' divulgazzjoni addizzjonali lil hinn minn dawk speċifikati mil-liġi. Barra minn hekk, jenħtieġ li kwalunkwe entità irregolata mil-liġi ta' Stat Membru tkun tista'*** tissottometti ***lil korp ta' ġbir, fuq bażi volontarja,*** informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħha ***li tkun rilevanti*** għas-servizzi finanzjarji jew ▌ għas-swieq kapitali, jew ***li tkun tikkonċerna s-sostenibbiltà,*** bil-għan li dik l-informazzjoni ssir aċċessibbli fuq l-ESAP f'konformità ***mar-Regolament*** (UE) ***.../...***[++].

(4) Numru ta' Regolamenti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà jenħtieġ li jiġu emendati sabiex jippermettu l-funzjonament tal-ESAP. ***Biex jinkiseb il-funzjonament*** tajjeb u effiċjenti tal-ESAP b'mod proporzjonat, iż-żieda fil-ġbir u s-sottomissjoni tal-informazzjoni jeħtieġ li tkun gradwali. ***Huwa maħsub li r-rekwiżit li l-informazzjoni ssir disponibbli għall-ESAP jikkostitwixxi parti integrali mill-atti leġiżlattivi settorjali tal-Unjoni elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) .../...***[++] ***u minn kwalunkwe att leġiżlattiv ulterjuri tal-Unjoni li jipprevedi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni dwar l-ESAP. L-informazzjoni li għandha ssir aċċessibbli fuq l-ESAP u l-korpi ta' ġbir maħtura għall-ġbir ta' dik l-informazzjoni tista' tiġi riveduta bħala parti mir-reġimi ta' dawk l-atti leġiżlattivi settorjali tal-Unjoni, biex jiġi żgurat li l-ESAP jipprovdi lill-parteċipanti fis-suq aċċess ċentralizzat faċli għall-informazzjoni li jeħtieġu u li l-ESAP isir il-punt ta' referenza.***

---

[3] ***Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., …, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/.../…/oj).***

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament.***

[++] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

(5) ***Jenħtieġ li l-ESAP jiġi stabbilit b'perjodu ta' żmien ambizzjuż, filwaqt li jittieħdu passi intermedji biex jiġu żgurati s-solidità u l-effiċjenza operazzjonali tiegħu. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi allokat biżżejjed żmien għall-implimentazzjoni teknika tal-ESAP u għall-ġbir ta' informazzjoni li għandu jiġi stabbilit fl-Istati Membri. L-iżvilupp tal-ESAP jenħtieġ li jkollu fażi inizjali ta' 12-il xahar, biex jingħata biżżejjed żmien lill-Istati Membri u lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ESMA) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] biex jistabbilixxu l-infrastruttura tal-IT u jittestjawha abbażi tal-ġbir ta' numru limitat ta' flussi ta' informazzjoni. Sussegwentement, l-iżvilupp tal-ESAP jenħtieġ li jinkorpora gradwalment, maż-żmien, numru addizzjonali ta' flussi ta' informazzjoni u funzjonalitajiet b'pass li jippermetti l-iżvilupp sod u effiċjenti tal-ESAP. Il-funzjonament tal-ESAP jenħtieġ li jiġi vvalutat fuq bażi regolari matul l-implimentazzjoni u t-tħaddim tiegħu biex jingħata lok għal kwalunkwe aġġustament biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti tiegħu u biex tiġi żgurata l-effiċjenza teknika tiegħu.***

4 ***Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).***

*(6)* ***Għall-finijiet tal-funzjonament*** tal-ESAP, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jinħatru ***biex*** jiġbru ***informazzjoni mill-entitajiet li tkun ta' rilevanza għas-servizzi*** finanzjarji, ***għas-swieq*** kapitali u ***għas-sostenibbiltà*** ▌. Fin-nuqqas ta' korp ta' ġbir diġà stabbilit skont id-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri ***jenħtieġ li jżommu l-flessibbiltà fl-organizzazzjoni tal-ġbir ta' informazzjoni fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, jenħtieġ li jaħtru mill-inqas korp ta' ġbir wieħed, kif definit fir-Regolament (UE) .../...***[+]***, biex*** jiġbor u jaħżen l-informazzjoni, u ***jenħtieġ li*** jinnotifikaw lill-ESMA b'dan. ***Għall-fini li l-informazzjoni ssir aċċessibbli fuq l-ESAP b'mod kosteffiċjenti, il-ġbir, it-trażmissjoni u l-ħżin tal-informazzjoni jenħtieġ li jkunu bbażati, sa fejn ikun possibbli, fuq il-proċeduri u l-infrastruttura eżistenti ta' ġbir, trażmissjoni u ħżin fis-seħħ fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk fis-seħħ għat-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-korpi ta' ġbir lill-ESMA.***

*(7)* ***Biex*** jiġi żgurat li l-ESAP jipprovdi aċċess f'waqtu għal informazzjoni li tkun rilevanti għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà, kif stabbilit fir-Regolament (UE) **.../...**[+], l-entitajiet jenħtieġ li jissottomettu l-informazzjoni tagħhom lil korp ta' ġbir fl-istess ħin li jagħmlu dik l-informazzjoni pubblika. ***Min-naħa tagħhom, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-ESAP b'mod awtomatizzat. Jenħtieġ li l-korpi ta' ġbir jibbażaw, sa fejn ikun possibbli, fuq il-proċeduri u l-infrastruttura eżistenti ta' ġbir ta' informazzjoni, fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, għat-trażmissjoni ta' informazzjoni lill-ESMA mingħajr dewmien żejjed.***

---

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

*(8)* Sabiex l-informazzjoni ***fuq l-ESAP*** tkun tista' tintuża b'mod diġitali, jenħtieġ li l-entitajiet jissottomettu lill-korpi ta' ġbir l-informazzjoni f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data jew, ***meta jkun*** meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni. Jenħtieġ li ***l-informazzjoni sottomessa mill-entitajiet*** lill-korpi ta' ġbir ***tkun akkumpanjata mill-metadata*** mitluba minn dawk il-korpi ta' ġbir. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni żviluppati mill-Awtorità Superviżorja Ewropea ***(Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) (EIOPA) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], jew mill-ESMA (kollettivament magħrufa bħala "Awtoritajiet Superviżorji Ewropej" jew "ASE")***, li jispeċifikaw il-metadata għal kull biċċa informazzjoni, ***kif id-data fl-informazzjoni għandha tiġi strutturata,*** l-informazzjoni li għaliha huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża ***f'każijiet bħal dawn***. ***Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istandards tekniċi li jikkonċernaw l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, l-ASE, filwaqt li jaġixxu permezz tal-Kumitat Konġunt, jenħtieġ li jikkoordinaw mal-EFRAG dwar l-iżvilupp ta' dak l-abbozz ta' standards. L-introduzzjoni ta' format li jinqara mill-magni jenħtieġ li tkun ġustifikata b'analiżi li tqis il-kostijiet u l-benefiċċji għall-entitajiet u għall-utenti tal-informazzjoni, kif ukoll għal kwalunkwe parti kkonċernata oħra, b'mod partikolari l-korpi ta' ġbir, l-awtoritajiet kompetenti u l-ASE.***

---

5 ***Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).***

6 ***Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).***

*(9) Jenħtieġ li l-korpi ta' ġbir ma jkunux responsabbli li jivverifikaw il-preċiżjoni tal-kontenut tal-informazzjoni sottomessa mill-entitajiet, sakemm ma jkunux ingħataw mandat biex jagħmlu dan f'konformità mal-atti leġiżlattivi applikabbli tal-Unjoni elenkati fl-Anness għar-Regolament (UE) .../...[+]. Jenħtieġ li l-entitajiet li jissottomettu l-informazzjoni fuq bażi obbligatorja jkunu responsabbli li jiżguraw il-preċiżjoni tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-obbligi legali tagħhom skont l-atti leġiżlattivi applikabbli tal-Unjoni elenkati f'dak l-Anness jew skont il-liġi nazzjonali.*

*(10) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], u ta kummenti formali fid-19 ta' Jannar 2022.*

*(11) Il-Bank Ċentrali Ewropew pprovda l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' Ġunju 2022[8].*

*(12) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri, l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni għall-informazzjoni pubblika li jenħtieġ li ssir aċċessibbli permezz tal-ESAP, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.*

---

[+] *ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).*

[7] *Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).*

[8] ĠU C 307, 12.8.2022, p. 3.

*(13)* Għalhekk, ir-Regolamenti li ġejjin jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq:

– Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[9];

– Ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[10];

▌

– Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[11];

– Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[12];

– Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[13];

– Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[14];

---

**9** Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).

**10** Ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU L 86, 24.3.2012, p. 1).

**11** Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1).

**12** Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 18).

**13** Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

**14** Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 77).

– Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[15];

– Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[16];

– Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[17];

– Ir-Regolament (UE) 2015/760 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[18];

– Ir-Regolament (UE) 2015/2365 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[19];

– Ir-Regolament (UE) 2016/1011 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[20];

---

**15** Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

**16** Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

**17** Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1).

**18** Ir-Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-fondi ta' investiment Ewropej fuq terminu twil (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 98).

**19** Ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1).

**20** Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1).

– Ir-Regolament (UE) 2017/1129 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[21];

– Ir-Regolament (UE) 2017/1131 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[22];

– Ir-Regolament (UE) 2019/1238 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[23];

– Ir-Regolament (UE) 2019/2033 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[24];

– Ir-Regolament (UE) 2019/2088 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[25];

---

[21] Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12).

[22] Ir-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-fondi tas-suq monetarju (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 8).

[23] Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1).

[24] Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1).

[25] Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1).

– ***Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26];***

– ***Ir-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27+],***

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

***26 Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40).***

***27 Ir-Regolament (UE) 2023/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., ..., ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/.../…/oj).***

***+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 27/23 (2021/0191(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti – in-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament.***

Artikolu 1

*Emendi* għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009

***Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 huwa emendat kif ġej:***

***(1) l-Artikolu 11a(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"2. L-ESMA għandha tippubblika l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu individwali sottomessi lilha skont il-paragrafu 1 fuq sit web ("pjattaforma Ewropea tal-klassifikazzjoni").***

***Ir-repożitorju ċentrali msemmi fl-Artikolu 11(2) għandu jiġi inkorporat fil-pjattaforma Ewropea tal-klassifikazzjoni.***

***Il-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[+] jista' jissodisfa l-funzjonijiet tal-pjattaforma Ewropea tal-klassifikazzjoni.***

---

**** Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., ..., ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/.../…/oj).";***

*(2)* jiddaħħal l-artikolu [redacted] li ġej:

"Artikolu 13a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni *fuq* l-ESAP

1. ***Minn ... [48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],*** meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1), l-Artikolu 8(6)

---

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament.***

u (7), l-Artikolu 8a(1) ***u*** (3), l-Artikolu 10(1), ***u*** (4), l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 12 ***ta' dan ir-Regolament***, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jissottomettu dik l-informazzjoni ***fl-istess ħin*** lill-korp ta' ġbir ***imsemmi*** fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ***għall-fini li ssir aċċessibbli*** fuq l-ESAP▌.

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti ▌ li ġejjin:

(a) tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit ***fl-Artikolu 2, il-punt (3),*** tar-Regolament (UE) ***.../...***+ jew, ***meta jkun*** meħtieġ ***mid-dritt*** tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit ***fl-Artikolu 2, il-punt (4), ta' dak ir-Regolament***;

(b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ***li magħhom hija relatata l-informazzjoni***;

(ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu***, kif*** speċifikat skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (b),*** tar-Regolament (UE) ***.../...***+;

(iii) id-daqs tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu skont il-kategorija, ***kif speċifikat*** skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (d), ta' dak ir-Regolament***;

(iv) it-tip ta' informazzjoni, kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (c), ta' dak ir-Regolament***;

(v) ***indikazzjoni dwar jekk*** l-informazzjoni ***tkunx fiha data personali;***

***(vi) il-pajjiż tal-uffiċċju rreġistrat tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li magħha hija relatata l-informazzjoni;***

***(vii) is-settur(i) industrijali tal-attivitajiet ekonomiċi tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li magħha hija relatata l-informazzjoni, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament;***

---

\+ ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

2. Għall-finijiet ***tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii)***, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jiksbu ***identifikatur*** ta' entità ġuridika .

3. ***Għall-fini*** li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu ssir*** aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir kif definit ***fl-Artikolu 2, il-punt (2),*** tar-Regolament (UE) ***…/…***[+] għandu jkun l-ESMA.

***4. Minn ... [48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju],*** l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), l-Artikolu 8d(2), l-Artikolu 11(2), l-Artikolu ***11a(1) u (2)***, l-Artikolu 18(3), l-Artikolu 24(5) u l-Artikolu 36d(1) ***ta' dan ir-Regolament, għandha ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak il-fini,*** il-korp ta' ġbir kif definit ***fl-Artikolu 2, il-punt (2),*** tar-Regolament (UE) ***…/…***[+] għandu jkun l-ESMA.

Dik l-informazzjoni għandha ***tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:***

***(a)*** tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit ***fl-Artikolu 2, il-punt (3),*** tar-Regolament (UE) ***…/…***[+];

***(b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:***

***(i) l-ismijiet kollha tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u tal-entità klassifikata li magħha hija relatata l-informazzjoni;***

***(ii) meta jkun*** disponibbli, l-identifikatur ***tal-entità*** ġuridika tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u ***tal-entità klassifikata,*** kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (b), tar-Regolament (EU) …/…***[+];

***(iii)*** it-tip ta' informazzjoni, kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (c),*** ta' dak ir-Regolament;

***(iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha data personali***.

---

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

5. ***Għall-fini*** li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti ***tal-informazzjoni*** sottomessa f'konformità ***mal-paragrafu 1***, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni ***biex*** tispeċifika ***dan li ġej***:

(a) ***kwalunkwe metadata oħra*** li għandha ***takkumpanja l-informazzjoni***;

(b) l-istruttura tad-data fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u***, f'tali każijiet,*** liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-ESMA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-ESMA għandha tissottometti dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Is-setgħa ta' adozzjoni tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ***ta' dan il-paragrafu hija*** mogħtija lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

6. ***Meta jkun meħtieġ, l-ESMA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.***".

Artikolu 2

Emenda għar-Regolament (UE) ***Nru 236/2012***

Fir-Regolament (UE) ***Nru 236/2012***, jiddaħħal l-artikolu ▌ li ġej:

"Artikolu 11a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta' aċċess uniku Ewropew ▌

1. ***Minn ... [30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***, meta tippubblika kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1) ***ta' dan ir-Regolament***, il-persuna fiżika jew ġuridika għandha tissottometti dik l-informazzjoni ***fl-istess ħin*** lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ***għall-fini li ssir aċċessibbli fil-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP)*** stabbilit skont ir-Regolament (UE) ***…/…*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[+].

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti ▌ li ġejjin:

(a)▌ tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit ***fl-Artikolu 2, il-punt (3),*** tar-Regolament (UE) ***…/…***[++] jew, ***meta jkun*** meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit ***fl-Artikolu 2, il-punt (4), ta' dak ir-Regolament***;

---

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament.***

[++] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

(b) tkun akkumpanjata ***mill-metadata*** li ġejja:

– (i) l-ismijiet kollha tal-persuna fiżika jew ġuridika li ***magħha hija relatata*** l-informazzjoni;

– (ii) ***għall-persuni ġuridiċi,*** l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-persuna, ***kif speċifikat*** skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (b),*** tar-Regolament (UE) ***…/…***[+];

– (iii) ***għall-persuni ġuridiċi,*** id-daqs tal-persuna skont il-kategorija, ***kif speċifikat*** skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (d), ta' dak ir-Regolament***;

– (iv) it-tip ta' informazzjoni, kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (c), ta' dak ir-Regolament***;

– (v)***indikazzjoni dwar jekk*** l-informazzjoni ***tkunx fiha data personali***.

2. Għall-finijiet ***tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), il-persuni ġuridiċi għandhom jiksbu identifikatur*** ta' entità ġuridika**.**

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

3. Għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP***, il-korp ta' ġbir kif definit ***fl-Artikolu 2, il-punt (2),*** tar-Regolament (UE) ***…/…***+ għandu jkun l-awtorità kompetenti.

4. Għall-fini li jiġu żgurati ***l-ġbir*** u ***l-ġestjoni*** effiċjenti ***tal-informazzjoni*** sottomessa f'konformità ***mal-paragrafu 1***, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni ***biex*** tispeċifika:

(a) ***kwalunkwe metadata oħra*** li għandha ***takkumpanja*** l-informazzjoni;

(b) l-istruttura tad-data fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u***, f'tali każijiet,*** liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

\+ ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

Għall-finijiet tal-punt (c), l-ESMA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Is-setgħa ta' adozzjoni tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ***ta' dan il-paragrafu*** hija mogħtija lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

▌

*5.* ***Meta jkun meħtieġ, l-ESMA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.***

---

* Ir-Regolament (UE) ***.../...*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***ta' ...*** li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew ▌ li jipprovdi aċċess ċentralizzat ***għall-informazzjoni*** disponibbli għall-pubbliku ***ta' rilevanza għas-servizzi*** finanzjarji, ***għas-swieq*** kapitali u ***għas-sostenibbiltà*** (ĠU L, 2023/..., …, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/.../…/oj).".

– ▌

Artikolu *3*

Emenda għar-Regolament (UE) ***Nru 345/2013***

Fir-Regolament (UE) ***Nru 345/2013***, jiddaħħal l-artikolu ▌ li ġej:

"Artikolu ***17a***

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta' aċċess uniku Ewropew ▌

***Minn … [48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1) ta' dan ir-Regolament għandha ssir*** aċċessibbli ***fil-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP)*** stabbilit skont ir-Regolament (UE) ***…/…*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*+]***. Għal dak il-fini,*** il-korp ta' ġbir kif definit ***fl-Artikolu 2, il-punt (2),*** ta' dak ir-Regolament għandu jkun l-ESMA. ***L-ESMA għandha tislet dik l-informazzjoni mill-informazzjoni notifikata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari f'konformità mal-Artikolu 16(1) ta' dan ir-Regolament għall-fini li tistabbilixxi l-bażi tad-data ċentrali msemmija fl-Artikolu 17(1) ta' dan ir-Regolament.***

Dik l-informazzjoni ***għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:***

***(a)*** tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) ***…/…***[++]***;***

***(b)*** ***tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:***

- ***(i)*** l-ismijiet ***kollha tal-fond li miegħu hija relatata l-informazzjoni;***
- ***(ii)*** ***meta jkun*** disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-fond, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (b),*** tar-Regolament ***.../...***[++]***;***
- ***(iii)*** it-tip ta' informazzjoni, kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (c),*** ta' dak ir-Regolament;

---

+ ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament.***

++ ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

*(iv)* ***indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha data personali***.

---

* Ir-Regolament (UE) ***…/…*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***ta' ...*** li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew ▌ li jipprovdi aċċess ċentralizzat ***għall-informazzjoni*** disponibbli għall-pubbliku ***ta' rilevanza għas-servizzi*** finanzjarji, ***għas-swieq*** kapitali u ***għas-sostenibbiltà*** (ĠU L, 2023/..., …, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/.../…/oj).".

Artikolu *4*

Emendi għar-Regolament (UE) ***Nru 346/2013***

Fir-Regolament (UE) ***Nru 346/2013***, jiddaħħal l-artikolu ▌ li ġej:

"Artikolu 18a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta' aċċess uniku Ewropew ▌

***Minn … [48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju],*** l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1) ***ta' dan ir-Regolament għandha ssir*** aċċessibbli ***fil-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP)*** stabbilit skont ir-Regolament (UE) ***…/…*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*][+]***. Għal dak il-fini,*** il-korp ta' ġbir kif definit ***fl-Artikolu 2, il-punt (2),*** ta' dak ir-Regolament għandu jkun l-ESMA. ***L-ESMA għandha tislet dik l-informazzjoni mill-informazzjoni notifikata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari f'konformità mal-Artikolu 17(1) ta' dan ir-Regolament għall-fini li tistabbilixxi l-bażi tad-data ċentrali msemmija fl-Artikolu 18(1) ta' dan ir-Regolament.***

Dik l-informazzjoni ***għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:***

***(a)*** tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit ***fl-Artikolu 2, il-punt (3),*** tar-Regolament (UE) ***…/…***[++]***;***

***(b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:***

*(i)* l-ismijiet ***kollha tal-fond li miegħu hija relatata l-informazzjoni;***

---

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament.***

[++] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

Emenda għar-Regolament (UE) ***2017/1129***

Fir-Regolament (UE) ***2017/1129***, jiddaħħal l-artikolu ▌ li ġej:

"Artikolu 21a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta' aċċess uniku Ewropew ▌

1. Minn … ***[30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]***, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni msemmija f***l***-Artikolu 1(4), il-punti (f) u (g), l-Artikolu 1(5), l-ewwel subparagrafu, il-punti (e) u (f), l-Artikoli 8(5), 9(4), 10(2), 17(2), 21(1), 21(9) u 23(1) ***ta' dan ir-Regolament,*** l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat, ***meta jkun*** rilevanti, għandhom jissottomettu dik l-informazzjoni ***fl-istess ħin*** lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ***għall-fini li ssir aċċessibbli fuq il-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP)*** stabbilit skont ir-Regolament (UE) ***…/…*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*+].

   Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti ▌ li ġejjin:

   (a) ▌ tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) ***…/…***[++] jew, ***meta jkun*** meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4) ***ta' dak ir-Regolament***;

---

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament.***

[++] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

(b) ▌ tkun akkumpanjata mill-metadata ▌ li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha tal-emittent, tal-offerent jew tal-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat, meta jkun rilevanti, ***li magħhom hija relatata l-informazzjoni***;

(ii) ***għall-persuni ġuridiċi,*** l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-emittent, tal-offerent, jew tal-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat, meta jkun rilevanti***,*** kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (b),*** tar-Regolament (UE) ***…/…***+;

(iii) ***għall-persuni ġuridiċi,*** id-daqs tal-emittent skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (d),*** ta' ***dak*** ir-Regolament;

***(iv) is-settur(i) industrijali tal-attivitajiet ekonomiċi tal-emittent, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament;***

(v) it-tip ta' informazzjoni, kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (c),*** ta' ***dak*** ir-Regolament;

***(vi***) ***indikazzjoni dwar jekk*** l-informazzjoni ***tkunx fiha data personali***.

▌

+ ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), l-emittenti, ***l-offerenti, jew il-persuni*** li jitolbu l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat***, li huma persuni ġuridiċi,*** għandhom ***jiksbu identifikatur*** ta' entità ġuridika[redacted] .

3. Għall-fini li ***l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu*** ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir ***kif*** definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) ***…/…***[+] għandu jkun ***l-awtorità kompetenti***. ***L-awtorità kompetenti għandha, sa fejn ikun possibbli, tibni fuq il-proċeduri u l-infrastrutturi mfassla u implimentati fl-applikazzjoni tal-Artikolu 25(6), ta' dan ir-Regolament***.

***4.*** Minn ... ***[30 xahar, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]***, għall-finijiet li ***l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 42(1) ta' dan ir-Regolament*** issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) ***…/…***[+] għandu jkun ***l-awtorità kompetenti***.

Dik l-informazzjoni ***għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:***

***(a)*** tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3)***,*** tar-Regolament (UE) ***…/…***[+]***;***

***(b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:***

***(i)*** l-ismijiet ***kollha tal-emittent jew, meta jkun applikabbli, tal-offerent li miegħu hija relatata l-informazzjoni;***

***(ii)*** meta jkun disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-emittent jew, meta jkun applikabbli, tal-offerent kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (b),*** tar-Regolament ***(UE) …/…***[+]***;***

***(iii)*** it-tip ta' informazzjoni, kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (c),*** ta' dak ir-Regolament***;***

***(iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha data personali.***

---

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

***5.*** Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti ***tal-informazzjoni*** sottomessa f'konformità ***mal-paragrafu 1***, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni ***biex*** tispeċifika:

(a) ***kwalunkwe*** metadata ***oħra*** li għandha ***takkumpanja*** l-informazzjoni;

(b) l-istruttura tad-data fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u***, f'tali każijiet,*** liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-ESMA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Is-setgħa ta' adozzjoni tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu hija mogħtija lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

***6. Meta jkun meħtieġ, l-ESMA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.***

---

* Ir-Regolament (UE) ***…/…*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***ta' ...*** li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ***ta' rilevanza għas-servizzi*** finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., …, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/.../…/oj).".

Artikoli ***14***

Emenda għar-Regolament (UE) ***2017/1131***

Fir-Regolament (UE) ***2017/1131***, jiddaħħal l-artikolu ▌ li ġej:

"Artikolu 37a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta' aċċess uniku Ewropew ▌

Minn … ***[72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju],*** l-***informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(7) ta' dan ir-Regolament għandha ssir*** aċċessibbli ***fuq il-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP)*** stabbilit skont ir-Regolament (UE) ***…/…*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[+]***. Għal dak il-fini***, il-korp ta' ġbir kif definit ***fl-Artikolu 2, il-punt (2)*** ta' dak ir-Regolament għandu jkun l-ESMA. ***L-ESMA għandha tislet dik id-data mill-informazzjoni nnotifikata mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 4(6) ta' dan ir-Regolament għall-fini tal-istabbiliment tar-reġistru pubbliku ċentrali msemmi fl-Artikolu 4(7) ta' dan ir-Regolament.***

Dik l-informazzjoni ***għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:***

***(a)*** tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit ***fl-Artikolu 2, il-punt (3),*** tar-Regolament (UE) ***…/…***[++]***;***

***(b)*** ***tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:***

***(i)*** l-ismijiet ***kollha tal-fond li miegħu hija relatata l-informazzjoni;***

***(ii)*** meta jkun disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-fond***,*** kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament ***(UE) …/…***[++]***;***

***(iii)*** it-tip ta' informazzjoni, kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (c),*** ta' dak ir-Regolament***;***

---

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament.***

[++] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

***(iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tinkludix data personali***.

---

* Ir-Regolament (UE) ***…/…*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***ta' ...*** li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew ▌ li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni ▌ disponibbli għall-pubbliku ***ta' rilevanza għas-servizzi*** finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., …, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/.../…/oj).".

Artikolu ***15***

Emenda għar-Regolament (UE) ***2019/1238***

Fir-Regolament (UE) ***2019/1238***, jiddaħħal l-artikolu ▌ li ġej:

"Artikolu 70a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta' aċċess uniku Ewropew ▌

1. Minn … ***[48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]***, meta ***jippubblika*** kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1) ta' dan ir-Regolament, il-fornitur tal-PEPP għandu jissottometti dik l-informazzjoni ***fl-istess ħin*** lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ***għall-fini li ssir aċċessibbli*** fuq ***il-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP)*** stabbilit skont ir-Regolament (UE) ***…/…*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*+].

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti ▌ li ġejjin:

(a) ▌ tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) ***…/…***[++] jew, meta jkun meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt ***(4), ta' dak ir-Regolament***;

(b) ▌ tkun akkumpanjata mill-metadata ▌ li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha tal-fornitur tal-PEPP ***li miegħu hija relatata*** l-informazzjoni;

---

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament.***

[++] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

(ii) l-identifikatur ta’ entità ġuridika tal-fornitur tal-PEPP, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (b),*** tar-Regolament (UE) ***…/…***[+];

(iii) id-daqs tal-fornitur tal-PEPP skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (d)*** ta’ ***dak*** ir-Regolament;

(iv) ***it-tip*** ta’ informazzjoni, kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (c),*** ta’ ***dak*** ir-Regolament ;

(v) ***indikazzjoni dwar jekk*** l-informazzjoni ***tkunx fiha data personali***.

▌

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), il-fornituri tal-PEPP għandhom jiksbu identifikatur ta’ entità ġuridika.

3. Sa … ***[48 xahar, nieqes jum, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju]***, għall-fini li ***l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu ssir*** aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jaħtru ***mill-inqas korp ta’ ġbir wieħed*** imsemmi fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) ***…/…***[+] ▌ u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

---

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

***4.*** Minn ... ***[48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju],*** l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 65(6) ***ta' dan ir-Regolament għandha ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak il-fini***, il-korp ta' ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) ***…/…***+ għandu jkun l-EIOPA.

Dik l-informazzjoni ***għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:***

***(a)*** tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) ***…/…***+***;***

***(b)*** ***tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:***

***(i)*** l-ismijiet ***kollha tal-fornitur tal-PEPP li miegħu hija relatata l-informazzjoni;***

***(ii)*** meta jkun disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika ***tal-fornitur tal-PEPP,*** kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (b),*** tar-Regolament ***(UE) …/…***+***;***

***(iii)*** ***it-tip*** ta' informazzjoni, kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (c),*** ta' dak ir-Regolament***;***

***(iv)*** ***indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tinkludix data personali***.

---

\+ ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

**5.** Minn … ***[48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]***, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 63(4) ***u*** l-Artikolu 69(1) ***u (4) ta' dan ir-Regolament għandha ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak il-fini, il-korp*** ta' ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) ***…/…***+ għandu jkun ***l-awtorità*** kompetenti.

Dik l-informazzjoni ***għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:***

***(a)*** tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) ***…/…***+***;***

***(b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:***

***(i)*** l-ismijiet ***kollha tal-fornitur tal-PEPP li miegħu hija relatata l-informazzjoni;***

***(ii)*** meta jkun disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika ***tal-fornitur tal-PEPP***, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (b), tar-Regolament (UE) …/…***+***;***

***(iii) it-tip*** ta' informazzjoni, kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (c),*** ta' dak ir-Regolament***;***

***(iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tinkludix data personali***.

---

+ ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

***6.*** Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti ***tal-informazzjoni*** sottomessa f’konformità ***mal-paragrafu 1***, l-EIOPA għandha tiżviluppa abbozzi ta’ standards tekniċi ta’ implimentazzjoni ***biex*** tispeċifika:

(a) ***kwalunkwe*** metadata ***oħra*** li għandha ***takkumpanja l-informazzjoni***;

(b) l-istruttura tad-data fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u ***, f’tali każijiet,*** liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-EIOPA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta’ formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post għal dak il-***fini***.

L-EIOPA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta’ standards tekniċi ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Is-setgħa ta’ adozzjoni tal-istandards tekniċi ta’ implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu hija mogħtija lill-Kummissjoni f’konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru ***1094***/2010.

***7. Meta jkun meħtieġ, l-EIOPA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f’konformità mal-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.***

---

* Ir-Regolament (UE) ***…/…*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***ta’ …*** li jistabbilixxi punt ta’ aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ***ta’ rilevanza għas-servizzi*** finanzjarji, ***għas-swieq*** kapitali u ***għas-sostenibbiltà*** (ĠU L, 2023/..., …, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/.../…/oj).”.

Artikolu ***16***

Emenda għar-Regolament (UE) ***2019/2033***

Fir-Regolament (UE) ***2019/2033***, jiddaħħal l-artikolu ▌ li ġej:

“Artikolu 46a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew ▌

1. Minn … ***[72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju]***, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni msemmija fil-Parti Sitta ta’ dan ir-Regolament, id-ditti tal-investiment għandhom jissottomettu dik l-informazzjoni ***fl-istess ħin*** lill-korp ta’ ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu ***għall-fini li ssir aċċessibbli fuq il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew (ESAP)*** stabbilit skont ir-Regolament (UE) ***…/…*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[+].

   Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti ▌ li ġejjin:

   (a) ▌ tiġi sottomessa f’format li minnu tista’ tiġi estratta d-data, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) ***…/…***[++] jew, ***meta jkun*** meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, f’format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt ***(4), ta’ dak ir-Regolament;***

---

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta’ qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta’ dak ir-Regolament.***

[++] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

(b) ▌ tkun akkumpanjata mill-metadata ▌ li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha tad-ditta tal-investiment li ***magħha hija relatata*** l-informazzjoni;

(ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tad-ditta tal-investiment, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (b),*** tar-Regolament (UE) ***…/…***[+];

(iii) id-daqs tad-ditta tal-investiment skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (d),*** ta' ***dak*** ir-Regolament;

(iv) ***it-tip*** ta' informazzjoni, kif ikklassifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt ***(c),*** ta' ***dak*** ir-Regolament;

(v) ***indikazzjoni dwar jekk*** l-informazzjoni ***tkunx fiha data personali***.

▌

2. Għall-finijiet ***tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii)***, id-ditti tal-investiment għandhom jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika ▌.

3. Għall-fini li ***l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu*** ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) ***…/…***[+] għandu jkun l-EBA.

---

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

4. Għall-fini li jiġu żgurati ***l-ġbir*** u ***l-ġestjoni*** effiċjenti ***tal-informazzjoni*** sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni ***biex*** tispeċifika:

(a) ***kwalunkwe*** metadata ***oħra*** li għandha ***takkumpanja l-informazzjoni***;

(b) l-istruttura tad-data fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u ***, f'tali każijiet,*** liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-EBA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post għal dak il-fini.

L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Is-setgħa ta' adozzjoni tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu hija mogħtija lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru ***1093***/2010.

***5. Meta jkun meħtieġ, l-EBA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.***

___

* Ir-Regolament (UE) ***…/…*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***ta' ...*** li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ***ta' rilevanza għas-servizzi*** finanzjarji, ***għas-swieq*** kapitali u ***għas-sostenibbiltà*** (ĠU L, 2023/..., …, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/.../…/oj).".

Artikolu ***17***

Emenda għar-Regolament (UE) ***2019/2088***

Fir-Regolament (UE) ***2019/2088***, jiddaħħal l-artikolu ▌ li ġej:

"Artikolu 18a

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta' aċċess uniku Ewropew ▌

1. Minn … ***[48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]***, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2), l-Artikolu 4(1), (3), (4) u (5), l-Artikolu 5(1) u 10(1) ta' dan ir-Regolament, il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u l-konsulenti finanzjarji għandhom jissottomettu dik l-informazzjoni ***fl-istess ħin*** lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ***għall-fini li ssir aċċessibbli fuq il-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP)*** stabbilit skont ir-Regolament (UE) ***…/…*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[+].

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti ▌ li ġejjin:

(a) ▌ tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data, kif definit ***fl-Artikolu 2, il-punt (3),*** tar-Regolament (UE) ***…/…***[++] jew, ***meta jkun*** meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt ***(4), ta' dak ir-Regolament;***

---

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament.***

[++] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

(b) tkun akkumpanjata mill-metadata ▌ li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha ***tal-parteċipant fis-suq finanzjarju jew tal-konsulent finanzjarju li magħhom hija relatata*** l-informazzjoni;

(ii) ***għall-persuni ġuridiċi,*** l-identifikatur ta’ entità ġuridika tal-parteċipant fis-suq finanzjarju jew tal-konsulent finanzjarju, ▌ kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (b),*** tar-Regolament (UE) ***…/…***[+];

(iii) ***għall-persuni ġuridiċi,*** id-daqs tal-parteċipant fis-suq finanzjarju jew tal-konsulent finanzjarju, ▌ skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (d),*** ta’ ***dak*** ir-Regolament;

(iv) ***it-tip*** ta’ informazzjoni, kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4)***, il-punt (c),*** ta’ ***dak*** ir-Regolament;

(v) ***indikazzjoni dwar jekk*** l-informazzjoni ***tkunx fiha data personali***.

▌

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji ***u l-konsulenti*** finanzjarji ***li huma persuni ġuridiċi*** għandhom ***jiksbu identifikatur*** ta’ entità ġuridika▌.

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

3. Sa … ***[48 xahar, nieqes jum, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]***, għall-fini li ***l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu*** 1 ***ta' dan l-Artikolu*** ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jaħtru ***mill-inqas korp ta' ġbir wieħed*** kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) ***…/…***+ u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

4. Għall-fini li jiġu żgurati ***l-ġbir*** u ***l-ġestjoni*** effiċjenti ***tal-informazzjoni*** sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-ASE għandhom, permezz tal-Kumitat Konġunt, jiżviluppaw abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni ***biex*** jispeċifikaw:

(a) ***kwalunkwe metadata oħra*** li għandha ***takkumpanja l-informazzjoni***;

(b) l-istruttura tad-data fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u ***, f'tali każijiet,*** liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

▌Għall-finijiet tal-punt (c), l-ASE għandhom jivvalutaw il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u jwettqu testijiet xierqa fuq il-post għal dak ***il-fini***.

---

+ ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

***L-ASE*** għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Is-setgħa ta' adozzjoni tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu hija mogħtija lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

***5. Meta jkun meħtieġ, l-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt, għandhom jadottaw linji gwida biex jiżguraw li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.***

---

* Ir-Regolament (UE) ***…/…*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***ta' ...*** li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew ▌ li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni ▌ disponibbli għall-pubbliku ***ta' rilevanza għas-servizzi*** finanzjarji, ***għas-swieq*** kapitali u ***għas-sostenibbiltà*** (ĠU L, 2023/..., …, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/.../…/oj).".

▌

***Artikolu 18***

***Emenda għar-Regolament (UE) 2023/1114***

***Fir-Regolament (UE) 2023/1114, jiddaħħal l-artikolu ▌ li ġej:***

***"Artikolu 110a***

***Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta' aċċess uniku Ewropew***

***1. Minn … [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikolu 88(1) ta' dan ir-Regolament, l-emittent, l-offerent jew il-persuna li qed tfittex ammissjoni għall-kummerċ għandhom jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għall-fini li ssir aċċessibbli fuq il-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[+].***

***Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:***

***(a) tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) …/…[++] jew, meta jkun meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), ta' dak ir-Regolament;***

---

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament.***

[++] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).***

*(b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:*

*(i) l-ismijiet kollha tal-emittent, tal-offerent jew tal-persuna li qed tfittex ammissjoni għall-kummerċ li magħhom hija relatata l-informazzjoni;*

*(ii) għall-persuni ġuridiċi, l-identifikatur ta' entità ġuridika, tal-emittent, tal-offerent jew tal-persuna li qed tfittex ammissjoni għall-kummerċ, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) …/…[+];*

*(iii) għall-persuni ġuridiċi, id-daqs, skont il-kategorija, tal-emittent, tal-offerent jew tal-persuna li qed tfittex ammissjoni għall-kummerċ kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament;*

*(iv) it-tip ta' informazzjoni, kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;*

*(v) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha data personali.*

*2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), l-emittent, l-offerent jew il-persuna li qed tfittex ammissjoni għall-kummerċ għandhom jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika.*

+ *ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).*

3. *Sa ... [72 xahar, nieqes jum, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jaħtru mill-inqas korp ta' ġbir wieħed kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) …/…[+] u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.*

4. *Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 109 u 110 ta' dan ir-Regolament għandha ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Għal dak il-fini, il-korp ta' ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) …/…[+] għandu jkun l-ESMA.*

*Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:*

*(a) tiġi sottomessa f'format li jinqara mill-magni kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) …/…[+];*

*(b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:*

*(i) l-ismijiet kollha tal-emittent tat-tokens irreferenzjati ma' assi, tal-emittent tat-tokens tal-flus elettroniċi u tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li magħhom hija relatata l-informazzjoni;*

*(ii) meta jkun disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-emittent ta' tokens irreferenzjati ma' assi, tal-emittent ta' tokens tal-flus elettroniċi u tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament;*

*(iii) it-tip ta' informazzjoni, kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;*

*(iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha data personali.*

---

[+] *ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).*

5. *Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika:*

(a) *kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;*

(b) *l-istruttura tad-data fl-informazzjoni;*

(c) *għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u, f'tali każijiet, liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.*

*Għall-finijiet tal-punt (c), l-ESMA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.*

*L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.*

*Is-setgħa ta' adozzjoni tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu hija mogħtija lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.*

6. *Meta jkun meħtieġ, l-ESMA għandha tadotta linji gwida għall-entitajiet biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.*

______________________________

* *Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., …, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/.../…/oj).".*

***Artikolu 19***

***Emenda għar-Regolament (UE) .../...[+]***

***Fir-Regolament (UE) .../...[+], jiddaħħal l-artikolu li ġej:***

***"Artikolu 15a***

***Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta' aċċess uniku Ewropew*** ▌

***1. Minn ... [72 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], meta jippubblikaw kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:***

***(a) l-iskeda informattiva, ir-rieżami ta' qabel il-ħruġ relatat mal-iskeda informattiva, ir-rapporti tal-allokazzjoni annwali, ir-rieżami ta' wara l-ħruġ relatat ma' rapport tal-allokazzjoni annwali wieħed jew aktar, ir-rapport tal-impatt, ir-rieżami tar-rapport tal-impatt imsemmi fl-Artikolu 15;***

***(b) id-divulgazzjonijiet ta' qabel il-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 20, u d-divulgazzjonijiet perjodiċi ta' wara l-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 21;***

***l-emittent għandu jissottometti dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 jew 4 ta' dan l-Artikolu għall-fini li ssir aċċessibbli fuq il-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[++].***

---

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 27/23 (2021/0191(COD)).***

[++] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament.***

*Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:*

*(a) tiġi sottomessa f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) …/…+ jew, meta jkun meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), tar-Regolament (UE) .../...+;*

*(b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:*

*(i) l-ismijiet kollha tal-emittent li miegħu hija relatata l-informazzjoni;*

*(ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-emittent, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../...+;*

*(iii) id-daqs tal-emittent, skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament;*

*(iv) it-tip ta' informazzjoni, kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament;*

*(v) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha data personali.*

---

+ *ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).*

*2.	Għall-finijiet tal-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (b)(ii), l-emittent għandu jikseb identifikatur ta' entità ġuridika.*

*3.	Għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) …/…+ għandu jkun l-ESMA.*

*4.	Sa ... [72 xahar, nieqes jum, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jaħtru mill-inqas korp ta' ġbir wieħed kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) …/…+ u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.*

*5.	Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika:*

*+	ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 42/23 (2021/0378(COD)).*

*(a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;*

*(b) l-istruttura tad-data fl-informazzjoni;*

*(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u, f'tali każijiet, liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.*

*Għall-finijiet tal-punt (c), l-ESMA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.*

*L-ESMA għandha tissottometti dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.*

*Is-setgħa ta' adozzjoni tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu hija mogħtija lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.*

*6. Meta jkun meħtieġ, l-ESMA għandha tadotta linji gwida għall-entitajiet biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.*

---

** Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/..., …, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/.../…/oj).".*

Artikolu *20*

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |